**7 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Austin Joseph Psaila u Mario Rodenas

**Grad ta' Prova – Dubju Raġonevoli – Xiehda tal-Ko-Akkużat**

*Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati Maltin fi proċedimenti Kriminali li biex akkużat jiġi ddikjarat ħati, l-akkuża dedotta għandha tiġi ppruvat oltre kull dubju raġonevoli, ċjoè oltra kull dubju dettat mir-raġuni, u mhux oltre l-iċken dubju. Kieku kellha tiġi addottata bħala regola l-esposizzjoni magħmula mill-ewwel Qorti, ma jkun possibbli li jiġi misjub ħati ebda akkużat, l-anqas dak lil jkun ammetta l-akkuża dedotta.*

*Dak li jgħid ko-akkużat ma jistax la jibbenefika u anqas jippreġudika ko-akkużat ieħor.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati dwar il-pussess kontra l-liġi ta' dorga u l-fornitura jew l-offerta tagħha lil ħaddieħor, dwar il-pussess kontra l-liġi ta' mediċina speċifikata u tal-pjanta *cannabis;* dwar it-traffikar fir-raża tal-*cannabis;* dwar li ħajru lil ħaddieħor biex jikkommetti reat kontra l-Ordinanza Kapitolu 101 tal-Liġijiet; u dwar l-importazzjoni u l-pussess ta' *video cassette recorder* bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37;

Rat is-sentenza tat-30 ta' Ottubru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat Mario Rodenas mhux ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom, u sabet lill-imputat Austin Psaila ħati ta' pussess tal-*cannabis,* tad-droga kokaina u tal-mediċina speċifikata *"Rohypnol, Solatron u*

*Nolidorm*, u tal-*video recorder 'National'* "; u li hu reċidiv, u kkundannatu multa ta' elf lira Maltija u multa ta' disa' mija u sittin lira Maltija, u ordnat il-konfiska tal-*video tape recorder;*

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Psaila ħati ta' pussess kontra l-liġi ta' *cannabis*, kokaina, mediċina u *video recorder*, u ta' reċidiva, u kkundannatu għall-multi u l-konfiska kif fuq imsemmi, u tirrevoka fil-bqija u ssib lill-imputati ħatja ta' l-akkużi kollha dedotti, tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' Mario Rodenas li biha ssottometta preliminarjament li s-sentenza msemmija fil-konfront tiegħu hija inappellabbli mill-Avukat Ġenerali stante li, kif jirritjeni Rodenas, ma fiha ebda enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi;

Rat il-verbal irreġistrat fl-14 ta' Jannar, 1992 li bih Austin Psaila ssolleva l-istess eċċezzjoni ta' inappellabilità;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattata l-preġudizzjali msemmija, ikkunsidrat illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali huwa li, kif jallega, l-ewwel Qorti interpretat u applikat ħażin il-liġi, impediet lill-Pulizija milli ġġib prova indispensabbli meta tali prova setgħet, skond il-liġi tinġieb, u għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha;

2. Kwantu għal dawn l-aggravji, fis-sentenza appellata ġie ddikjarat;

"Il-Qorti hija fid-dmir li ssib ħtija ta' l-imputati jekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma totalment sodisfaċenti u li ma għandhom iħallu l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza ta' l-imputati. L-iċken dubju kkawżat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-difiża, għandu per forza jmur favur l-imputati li għandhom *immedjatament jiġu ddikjarati lliberati. Din hija l-prassi legali* f'dan il-pajjiż";

3. Bir-rispett kollu, jiġi nnotat li l-prassi legali f'Malta mhijiex dik kif enunċjat l-ewwel Qorti. Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li biex l-akkużat jiġi ddikjarat ħati, l-akkuża dedotta għandha tiġi ppruvata oltre kull dubju raġonevoli, ċjoè oltre kull dubju dettat mir-raġuni. L-enunċjazzjoni ta' l-ewwel Qorti, ċitata fil-paragrafu 2 hawn fuq, kjarament tikkontrasta ma' dan il-prinċipju. Dina qiegħda tgħid li jekk il-ġudikant ikollu "l-iċken dubju" dwar il-kolpevolezza ta' l-akkużat, dan għandu jiġi lliberat. Kieku dan kellu jiġi adottat bħala regola fil-Qrati Kriminali, ovvjament ma jkun possibbli li jiġi misjub ħati ebda akkużat, l-anqas dak li jkun ammetta l-akkuża dedotta;

4. Fis-sentenza appellata ġie ddikjarat ukoll testwalment: "*.....ix-xiehda ta' Rodenas tikkorrobora dik mogħtija minn* Psaila....." Rodenas u Psaila huma ż-żewġ ko-imputati fil-proċediment odjern. Huwa prinċipju ieħor, ipprattikat fil-Qrati Maltin, li dak li jgħid ko-akkużat ma jistax la jibbenifika u l-anqas jippreġudika ko-akkużat ieħor;

5. Mill-premess jidher ċar li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti interpretat il-liġi erroneament u waslet għal ċerti konklużjonijiet a bażi ta' dik l-interpretazzjoni, b'mod li għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Għalhekk l-eċċezzjoni fuq

imsemmija sollevata mill-imputati mhix fondata;

6. Fit-trattazzjoni orali d-difensur ta' l-imputat Rodenas issottometta li l-leġislazzjoni li tagħti lill-Avukat Ġenerali d-dritt ta' l-appell fil-każ ta' wħud mir-reati dedotti, ma kinitx *in vigore* fiż-żmien li fih allegatament ġew kommessi dawn ir-reati. In vista tal-konklużjoni raġġunta fil-paragrafu preċedenti, ċjoè li l-Avukat Ġenerali kellu d-dritt jappella indipendentement mill-kwistjoni ttrattata oralment, ma jkunx utili li tiġi kkunsidrata din l-istess kwistjoni;

Għalhekk tiddikjara l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali validu u skond il-liġi fil-konfront taż-żewġ imputati u tordna l-prosegwiment ta' l-appell.